**(iv) Il-Ħarsien ta' l-Istabbiltà Finanzjarja**

L-istabbiltà finanzjarja hi funzjoni essenzjali tal-banek ċentrali. Sistema finanzjarja b'saħħitha u stabbli tgħin fit-tħaddim effiċjenti tal-politika monetarja. Skond l-artiklu 5 ta' l-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Bank Ċentrali ta' Malta hu responsabbli li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Fil-qadi ta' l-obbligi statutorji tiegħu f'dan ir-rigward, il-Bank Ċentrali ta' Malta għandu rwol ewlieni fiż-żamma ta' l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja domestika, waqt li jikkontribwixxi wkoll għal dik ta' l-Eurosistema.

Skond l-artiklu 17 ta' l-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Bank Ċentrali ta' Malta hu responsabbli wkoll biex jagħti għajnuna finanzjarja permezz tal-funzjoni tiegħu bħala '*lender of last resort*' (LOLR) sabiex jissalvagwardja l-istabbiltà tas-settur bankarju. Din il-funzjoni normalment tiġi kkunsidrata f'ċirkostanzi eċċezzjonali meta jinħass li l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tkun mhedda.